MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 1423/1999/1

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Joseph u Sandra konjugi Friggieri**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:-
Illi skond ir-regolamenti vigenti u l-ftehim ta' kera u servizz ta' telephone bejn il-partijiet hawn anness u mmarkat bhala Dok A1, il-konvenuti huma debituri tas-socjeta attrici fis-somma ta' elf tmienja u erbghin lira matlin u sitta u sebghin centezmu (Lm1,048.76c) dovuti bhala kera, servizz u spejjez ohra in konnessjoni mas-servizz tat-telephone u l-uzu tat-telephone numru 340486 (Klijent numru 2371121);

Illi dan l-ammont jikkonsisti fil-kera ghas-servizz u telephone calls maghmula, kif ukoll fi spejjez ohra indikati fil-prospett dettaljat anness u mmarkat bhala Dok.B;
Illi s-socjeta attrici sejhet diversi drabi lill-konvenuti sabiex ihallasuha l-ammont imsemmi izda dawn baqghu inadempjenti;
Illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut, u l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'iressqu ghat-talba attrici u ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ghat-tenur tal-Artikolu 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili u s-socjeta attrici qeghda tannetti ma' dan l-att affidavit (Dok C) ghall-iskop tal-istess artikoli msemmija;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex ghar-ragunijiet fuq imsemmija din il-Qorti m'ghandhiex:
1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tas-socjeta attrici bid-dispensa tas-smigh ghat-tenur tal-artikolu 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili; u
2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta attrici l-ammont ta' elf tmienja u erbghin lira maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm1,048.76c) dovuti bhala kera, servizz u spejjez ohra in konnessjoni mas-servizz tat-telephone numru 340486 skond il-prospett esebit bhala Dok B, ghar-ragunijiet premessi;
Bli-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Jannar 1999, tal-mandat ta' sekwestru numru …… u l-mandat ta' qbid numru….. u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali kollha kontra l-konvenuti li gew ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota' ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit :-
1. Preliminarjament illi l-eccipjenti Sandra Friggieri ma ghandha ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici u ma' ghamilitx ftehim ta' kera u servizz ta' telefon ma' l-istess

socjeta attrici u ghaldaqstant ghandha tkun liberata mill-osservanaza tal-gudizzju;
2, Illi, minghajr pregusizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ammont pretiz mis-socjeta attrici huwa eccessiv;
Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tahhom;
Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;
Semghet ix-xhieda prodotti mis-socjeta attrici;
Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Ottubru 2003;
Ikkonsidat:

Is-socjeta attrici tippretendi li l-konvenuti huma debituri taghha fis-somma ta' elf tmienja u erbghin lira matlin u sitta u sebghin centezmu (Lm1,048.76c) dovuti bhala kera, servizz u spejjez ohra in konnessjoni mas-servizz tat-telephone u l-uzu tat-telephone bin-numru 340486;

Mill-kumpless ta' provi prodotti dawn il-pretensjonijiet jirrizultaw sufficjentement ippruvati u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti;

Il-konvenuti naqsu li jipproducu provi in sostenn tal-eccezzjonijiet taghhom, liema eccezzjonijiet ghalhekk ghandhom jigu rigettati;

Ghal dawn il-motivi:
Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u b'hekk tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta attrici l-ammont ta' elf tmienja u erbghin lira maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm1,048.76c) dovuti bhala kera, servizz u spejjez ohra in konnessjoni mas-servizz tat-telephone numru 340486 u dana bl-imghaxijiet kollha legali mid-data tal-presenti sentenza;
Spejjez kollha kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------